# QORTI CIVILI PRIM'AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

# ONOR. IMHALLEF LAWRENCE MINTOFF

Illum il-Hamis, 5 ta' Dicembru 2019
Rik Nru: 233/2019
Differita: 10 ta' Dicembru, 2019

Yorgen Fenech

*vs.*

Kummissarju tal-Pulizija et

Ir-rikorrent Yorgen Fenech, minn jeddu, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

Dr. Marion Camilleri : Sur Fenech, l-ewwel nett tista' tispjega ftit jekk joghgbok x'inhi r-relazzjoni jew x'kienet ahjar ir-relazzjoni bejnek u bejn Keith Schembri?

Xhud : Bejni u bejn Keith tista' tghidilha hbiberija fraternal jigifieri ilni nafu tul ta' snin, ilni nafu minn meta konna zghar, ma konnix partikolarment hbieb meta konna zghar fis-sens li ma konnix lanqas l-istess eta', pero konna niffrekwentaw l-istess stabbilimenti meta konna zghazagh imbaghad minn qisu l-2009 'l hawn bdejna niffrekwentaw lil xulxin ta spiss jigifieri u minn dak iz-zmien 'l hawn nibtet hbiberija li kont inqisha jiena hbiberija fraternal jigifieri konna niffrekwentaw lil xulxin …

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid niffrekwentaw …

Xhud : Jigifieri niltaqghu.

Dr. Marion Camilleri : Kemm hi l-frekwenza jekk joghgbok?

Xhud : Ta' l-inqas darba, darbtejn fil-gimgha, imorru d-dar ta' xulxin, insajru d-dar ta' xulxin, insiefru flimkien bil-familji, minghajr il-familja, bit-tfal, minghajr it-tfal. Konna hbieb fraterni.

Dr. Marion Camilleri : U apparti li kontu hbieb u kontu tiltaqghu x'kontu taghmlu wkoll flimkien?

Xhud : Minn kollox.

Dr. Marion Camilleri : Spjega ftit lis-Sur Imhallef inti x'tifhem biha minn kollox.

Xhud : Jigifieri konna mhux mil-lat professjonali biss jigifieri anke mil-lat personali, meta kien ikollhi problema kont indur fuqu, meta kien ikollhu hu problemi anke meta kellna kwistjonijiet ta' sahha etc etc konna nduru fuq xulxin jigifieri konna …

Dr. Marion Camilleri : Hbieb sewwa.

Xhud : Iva hbieb sew hafna.

Dr. Marion Camilleri : Inti tul l-investigazzjoni kollha ta' l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia kellhek certu informazzjoni. Tista' tghidilna x'informazzjoni kien ikollhok u min kien qed jaghtik din l-informazzjoni?

Xhud : Iva Keith Schembri kien infurmat b'mod kontinwu u b'mod tista' tghid kelma real time ma nafx kif nista' nghidha bil-Malti imma dwar l-investigazzjoni kemm qabel jigifieri qabel ma sar l-ewwel arrest, li din hija minn provi li ghandha wkoll il-Pulizija billi ahna kellna c-cans ukoll naraw d-disclosure, dan kien qed jigi infurmat b'mod kontinwu, sahansitra d-data ta meta kellhu jsir imbaghad l-arrest eventwali fl-4 ta' Dicembru …

Dr. Marion Camilleri : L-arrest ta' min?

Xhud : Ta' dawk li huma akkuzati bl-oomicidju, ta' l-ahwa Degiorgio u Muscat, kellhu jsir fl-4 ta' Dicembru u dan johrog …

Dr. Marion Camilleri : Issa int qed tghid li kien ikollhu informazzjoni kontinwa.

Xhud : Iva.

Dr. Marion Camilleri : Spjega lill-Qorti mhux x'kien ikollhu as such Keith Schembri imma x'kien qed ikollhok inti u minn fejn kont iggib l-informazzjoni.

Xhud : Iva l-informazzjoni kien jghaddiha lili Keith Schembri pero kienet tigi minghand is-Sur Arnaud u hu kien jghidli li kienet tigi minghand is-Sur Arnaud.

Dr. Marion Camilleri : Min kien jghidlek?

Xhud : Keith Schembri. Jien lis-Sur Arnaud ma kontx nafu, l-ewwel darba li ltqajt mieghu u kien fil-gurnata ta' l-arrest tieghi, fl-20 ta' Novembru pero Keith Schembri kien jghidli li kellhu relazzjoni tajba hafna mas-Sur Arnaud u dan konna nkunu hafna drabi flimkien u jghidli ara bghatli messagg etc etc li dan kien jaghtih update b'mod kontinwu fuq l-investigazzjoni per ezempju dettalji waqt l-investigazzjoni …

Dr. Marion Camilleri : Spjega ftit jekk joghgbok pass pass inti x'informazzjoni dwar dan il-kaz wasallek minghand Keith Schembri. Diga ghidtilna rigward l-arresti ta' l-ahwa Degiorgio u s-Sur Muscat. X'informazzjoni ohra Keith Schembri lilek kien ghaddielek?

Xhud : Ghaddieli informazzjoni anke minn dak li hareg fil-provi mid-disclosures u diversi recordings per ezempju illi s-Sur Arnaud kien ghaddej f'tahdidiet ma' wiehed mill-akkuzati Vincent Muscat u l-avukat tieghu Arthur Azzopardi dwar proklama u li dettalji varji dwar dawn it-tahdidiet, dettalji ohra per ezempju li kien infurmani illi t-telephone tieghi kien qed jigi itteppjat …

Dr. Marion Camilleri : Li l-mobile tieghek kien gie tteppjat min kien qallek din l-informazzjoni?

Xhud : Keith Schembri.

Dr. Marion Camilleri : U minn fejn qallek li gabha?

Xhud : Minghand is-Sur Arnaud.

Dr. Marion Camilleri : U x'informazzjoni ohra kellhek? Cioe li inghatajt inti minghand Keith Schembri.

Xhud : Kellhi informazzjoni sa dan l-ahhar jigifieri sa ftit tal-gimghat jew jiem ilu per ezempju dwar il-gurnata li kellhu jigi arrestat is-Sur Melvin Theuma, li kellha tkun is-Sibt u mhux il-Hamis …

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid is-Sibt, id-data jekk joghgbok?

Xhud : Insejt id-data.

Dr. Marion Camilleri : Jew kemm qabel l-arrest tieghek?

Xhud : Qabel ovvjament. Kellhi informazzjoni per ezempju li kien ghaddili Keith Schembri li kien qalli li ghaddiha lilu s-Sur Arnaud li ghaddejtha lill-Avukat tieghi jumejn qabel ma gejt arrestat kienet il-wording tal-proklama li giet offerta lis-Sur Melvin Thuema …

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid il-wording tal-proklama, inti kif ircivejtha f'liema forma …

Xhud : Il-wording kien forma ta' messagg.

Dr. Marion Camilleri : U messagg fuq fejn?

Xhud : Messagg fuq signal.

Dr. Marion Camilleri : Fuq signal fejn?

Xhud : Fuq il-mobile tieghi.

Dr. Marion Camilleri : U x'number ghandu l-mobile tieghek?

Xhud : 79444444 u l-mobile tas-Sur Schembri huwa 99475678.

Dr. Marion Camilleri : Jigifieri inti qed tispjega lis-Sur Imhallef illi kellhek informazzjoni anke dwar il-wording.

Xhud : Iva u ghaddejthom lill-Avukat tieghi la naf gurnata u lanqas jumejn qabel ma gejt ...

Dr. Marion Camilleri : Issa dik l-informazzjoni li int ghaddiet ghandek forma ta' messagg rigward il-proklama tas-Sur Vincent Muscat, qallek minn fejn gabha s-Sur Schembri?

Xhud : Iva ghax it-tahdidiet kienu qed jigu mmexxija mas-Sur Muscat u ma' l-Avukat Arthur Azzopardi, it-tahdidiet kienu qed jigu mmexxija minn Keith Arnaud inniffsu u dan kien in real time jibghatlu messaggi u jew jiltaqghu jew jitkellmu u kien jghaddi lilu din l-informazzjoni.

Dr. Marion Camilleri : Apparti mela semmejtilna informazzjoni dwar l-arrest, semmejt ukoll informazzjoni dwar il-proklama. X'informazzjoni

ohra, pass, pass, wasslet ghandek? Diga semmejt uhud. X’informazzjoni ohra kienet wasslet ghandek?

Xhud : Tul l-investigazzjoni kollha, kif hareg minn hafna …

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid tul l-investigazzjoni kollha, spjega lis-Sur Imhallef bejn wiehed u iehor meta bdejt tircievi din l-informazzjoni minghand is-Sur Keith Schembri bhala zmien.

Xhud : Minn gimgha wara li sar id-delitt.

Dr. Marion Camilleri : Jigifieri d-data bejn wiehed u iehor?

Xhud : Fil-bidu kien qed jghidli, id-data qabel l-4 ta’ Dicembru 2017.

Dr. Marion Camilleri : Mela allura l-ewwel informazzjoni li wasslet ghandek minghand Keith Schembri fiex kienet tikkonsisti?

Xhud : Fuq li l-Pulizija kienet qed taghmel avvanzi fl-investigazzjoni taghha u li kienu qed jigu identifikati certu suspettatti li jien ma kontx naf min huma u dettalji jigifieri sal-gurnata li kellhu jsir ir-raid u l-arrest ta’ l-akkuzati u dan mhux qed nghidu jien, hareg fid-disclosures li rajna ahna diga.

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid disclosures, spjega lill-Qorti inti biex gejt affaccjat. Minn fejn jirrizulta? Int qed tghid lill-Qorti isma dawn jirrizultaw mid-disclosure li inghata lili. Meta qed tghid hekk ghalxiex qed tirreferi Sur Fenech?

Xhud : Qed nirrefferi ghall-messaggi u qed nirreferi wkoll ghal recordings, li huma recordings mhux li hadt jien imma recordings li ha s-Sur Melvin Theuma jigifieri f’dawn id-diversi provi johrog car illi din l-informazzjoni korretta u informazzjoni reali u fiz-zmien li kienet qed tigi kienet tigi moghtija lili minn Keith Schembri u Keith Schembri lili kien jghidli li kien jghaddiha lilu s-Sur Arnuad.

Dr. Marion Camilleri : Informazzjoni personali x’tista’ tghidilna jekk joghgbok?

Xhud : Personali f’liema sens?

Dr. Gianluca Caruana Curran : Forsi informazzjoni li tak is-Sur Schembri dwar Arnaud. Affarijiet li int …

Dr. Marion Camilleri : Kont stajt tkun tafhom min hemm?

Xhud : Per ezempju nahseb ahna semmejna li jigifieri darba minnhom, nahseb bhal dan iz-zmien sena kien, more or less bhal dan iz-zmien sena, forsi ftit qabel jew ftit wara pero more or less hekk, li tant kellhom relazzjoni tajba li …

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid kellhom relazzjoni tajba …

Xhud : Is-Sur Arnaud u s-Sur Schembri, illi kienu anke jitkellmu fuq affarijiet personali, kien avvicinah biex jghinu biex …

Dr. Marion Camilleri : Min avvicina lil min?

Xhud : Skuzani. Is-Sur Arnaud kien avvicina lis-Sur Schembri biex jghinu f'xi job li kienet interessata fih il-mara tieghu, ma fiha xejn hazin ta imma biex turi r-relazzjoni …

Dr. Marion Camilleri : L-affinita …

Xhud : U l-affinita bejn it-tnejn.

Dr. Marion Camilleri : Din il-kwistjoni illi s-Sur Arnaud kien avvicina lis-Sur Keith Schembri biex tinghata impjieg il-mara tieghu, inti kif sirt tafu?

Xhud : Ghax kien qalli Keith Schembri, konna qed nitkellmu kazwalment u kien qalli irrangajt job ghall-mara ta' Keith Arnaud. Nerga' nghid, ma fiha xejn hazin pero turi …

Dr. Marion Camilleri : Qallek fejn jekk kien irrangaw …

Xhud : Infrastructure Malta. Kienet infethet awtorita' jew agenzija gdida tal-Gvern li kienet Infrastructure Malta.

Dr. Marion Camilleri : Fir-rikors taghna, f'wahda mill-premessi inti issemmi l-fatt li gejt mitkellem gewwa l-lock up minn Spettur partikolari.

Xhud : Iva.

Dr. Marion Camilleri : Tista' tghidilna jekk joghgbok meta kien u x'gara?

Xhud : Gejt mitkellem darbtejn biex inkunu ezatti. Il-gurnata li gejt arrestat li kien l-20 ta' Novembru, kien avvicinani pero biex inkun onest

ma kien qalli xejn. Kien qalli, kien taghni kliem ta kif taqbad tghid, kien qalli li dan kien ha jkun mument difficli …

Qorti : Meta qed tghid dan ghal min qed tghid?

Xhud : Ghas-Sur Keith Arnaud. Ibqa' seren, ibqa' kawt bhal speci u kien qalli niftakar ghandek mina sewda quddiemek pero fl-ahhar tal-mina dejjem ikun hemm id-dawl jigifieri f'dak il-kaz nahseb ma kien qalli xejn hazin anzi kien kliem ta' kuragg bhal speci. Pero l-ghada fl-entrata tal-lock up, inti kif tinzel it-tarag kien hemm CCTV cameras jigifieri zgur inqabdet. Kien avvicinani u kien qalli kun responsabbli tal-mod kif taghti l-istqarrija tieghek u oqghod attent lil min tinvolvi u jien minhabba li naf ir-relazzjoni tas-Sur Arnaud mas-Sur Schembri kont ghidtlu int ghal Keith Schembri qed tghid? Kien qalli iva u jien kont ghidtlu ovvjament serrah rasek.

Dr. Marion Camilleri : Inti jigifieri dak id-diskors illi qed tghid illi qallek Keith Arnaud fil-lock up dwar l-arrest tieghek, inti dak il-hin Yorgen Fenech, x'fhimt bih dak id-diskors?

Xhud : Ovvjament l-ewwel nies jiena kont naf x'kienet ir-relazzjoni ta' bejniethom jigifieri kont naf li kien qed jibza ghal Keith Schembri bil-Malti.

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid li kont taf x'inhi r-relazzjoni ta' bejniethom, tista' tispjega lill-Qorti xi trid tfisser biha din?

Xhud : Kif juru l-provi dan kien kontinwament, is-Sur Arnaud kien kontinwament jaggorna lis-Sur Schembri bl-investigazzjoni u bid-dettalji verament …

Dr. Marion Camilleri : Allura inti x'kont tifhem dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom?

Xhud : Kont nifhem illi zgur zgur zgur kien hemm, mhux ha nghid hbiberija kbira pero kien hemm relazzjoni close ghax il-kelma li kien juza Keith kienet close.

Dr. Marion Camilleri : B'referenza ghal min?

Xhud : Ghar-relazzjoni tieghu mas-Sur Arnaud.

Dr. Marion Camilleri : Kont qed tispjegalna x'fhimt inti bid-diskors li intqal lilek fil-lock up mis-Sur Arnaud.

Xhud : Nahseb cara kienet.

Dr. Marion Camilleri : X'fhimt inti pero?

Xhud : Jien fhimt li kellhi noqghod lura milli nimplika lil Keith Schembri, dak li xtaq is-Sur Arnaud u nahseb anke intom bhala Avukati tieghi kontu mieghi, wara li semmejna lil Keith Schembri …

Dr. Marion Camilleri : Mela inti ghall-bidu ta' l-investigazzjoni meta kont qed titkellem informalment mal-Pulizija, x'ghamilt in rigward ta' dak li qallek is-Sur Arnaud fejn jidhol Keith Schembri?

Xhud : Jien sa, niftakar id-data ezatt ghax kien l-ghada tal-birthday tieghi. Sa l-24 ta' Novembru inghatajt karta bil-miktub minghand Keith Schembri li kien ghaddiha lili t-Tabib Adrian Vella u dan il-Pulizija ghandi nifhem li kkonfermawlna li kkonfermawh illi Keith kien ghadda din il-karta lili script ta' dak li kellhi jiena nghid lill-Pulizija u jien hekk ghamilt. Sa dakinhar kellhi fiducja fis-Sur Schembri …

Dr. Marion Camilleri : Meta qed tghid jien hekk ghamilt, hekk ghamilt x'jigifieri?

Xhud : Imxejt ma' l-iscript li taghni Keith Schembri.

Dr. Marion Camilleri : U cioe?

Xhud : U li ghaddejniha lill-Pulizija.

Dr. Marion Camilleri : L-ewwel nett, kemm -il script gejt mghoddi inti?

Xhud : Tnejn. Wahda fl-ewwel gurnata li kont arrestat jew l-ghada u gejt mghoddi t-tieni wahda nhar il-Hadd fl-24 ta' Dicembru meta kont id-dar fuq police bail u gie jarani t-tabib u gabili t-Tabib Adrian Vella u kkonferma li l-karta kien taghha lilu Keith Schembri u t-Tabib taghha lili u tkellimt ukoll mas-Sur Schembri fuq it-telephone tat-Tabib Vella tramite WhatsApp …

Dr. Marion Camilleri : F'liema perijodu?

Xhud : Dan il-Hadd 24 ta' Novembru …

Dr. Marion Camilleri : U inti f'liema stat kont dak il-hin?

Xhud : Jien kont fuq police bail.

Dr. Marion Camilleri : Okay?

Xhud : U tkellimna, ha nkun onest kont ghidtlu din mhux togghobni, qalli serrah rasek imxi ma' dik u jiena sa dakinhar hekk ghamilt.

Dr. Marion Camilleri : Sa dak il-punt inti fejn jidhol Keith Schembri x'kont ghamilt meta kont tkellimt informalment mal-Pulizija?

Xhud : Kont qghadt b'sebgha mitt ghajnejn li ma nimplikahx f'xejn u ma ninvolvihx u ma nsemmihx allavolja kull prova li rajna jigifieri jekk huma recordings, mhux tieghi imma li ha s-Sur Melvin Theuma, jimplikaw direttament lil Keith Schembri u jinvokawh direttament, juru li kien hemm komunikazzjoni direttament bejn is-Sur Theuma u s-Sur Schembri, ma kontx involut fiha jien, hemm ritratt tas-Sur Schembri mghannaq ma' Melvin Theuma fl-ufficcju tieghu f'Kastilja fejn jien ma kontx hemm f'din il-laqgha privata u wara din il-laqgha privata li kellhom, is-Sur Melvin Theuma inghata job mal-Gvern li gie elevat kuntratt mill-ufficcju tieghi …

Dr. Marion Camilleri : Dawn l-oggetti kollha li qed issemmi, mela int semmejt ritratt, semmejt recordings, tista' tispjega lill-Qorti dawn minn fejn gew elevati?

Xhud : Minn go l-ufficcju tieghi. Ir-recordings le. Ir-ritratt …

Dr. Marion Camilleri : X'gie elevat mill-ufficcju tieghek?

Xhud : Ir-ritratt tas-Sur Schembri u s-Sur Theuma mghanqin fl-ufficcju gewwa kastilja, giet elevata dikjarazzjoni bil-miktub tas-Sur Theuma li timplika direttament lis-Sur Schembri u gie elevat ukoll kuntratt tax-xoghol li kien inghata lis-Sur Theuma mis-Sur Schembri, dan qabel ma sar id-delitt xi ftit xhur qabel, hames xhur sitt xhur qabel u li dan kien gie impjegat fil-Ministeru tal-Familja bil-patt li ma jmurx ghax-xoghol. Filfatt dan qatt ma mar ghax-xoghol u jinghata l-paga.

Dr. Marion Camilleri : Int ghidtilna li sakemm kont qed titkellem mal-Pulizija sal-Hadd lil Keith Schembri ma kellimtux. Meta semmejtu imbaghad?

Xhud : Nhar it-Tnejn l-ghada.

Dr. Marion Camilleri : U …

Xhud : Minn dakinhar, intom tistghu tikkonfermaw bhala avukati tieghi. Mit-taptip fuq l-ispallel dorna ghall-ostilita', ghagla, fernezija kwazi kwazi jigifieri wiehed mill-avukati tieghi lanqas seta' jkun prezenti ghall-istqarrija li ghamilt jien ghax kien best man go tieg jigifieri kull ma tlabna tlett sieghat, erbgha sieghat, sakemm Dr. Caruana Curran ikun jista' joqghod best man gewwa tieg u lanqas inaghtajna din il-permess ta ftit sieghat u mhux tlabtu jien. Kont ghadni fil-bidu tal-forty eight hours jigifieri kien hemm hin twil jigifieri inbidlu l-affarijiet totalment.

Dr. Marion Camilleri : Apparti dan li qed issemmi l-ghagla, inti x'hassejt jew xi stajt tinnota f'dik li hi l-attitudni tal-Pulizija mieghek wara li inti semmejt lil Keith Schembri. Diga semmejt uhud minnhom. Semmejt ostilita. X'hassejt iktar?

Xhud : Fernezija, ghagla, bhal speci filli qed nigi, qed iharsu lejja b'mod illi bhal speci nghinu mhux f'sens hazin ta, mhux qed nghidha, imexxuni pass pass ghax jiena l-ewwel darba li ghaddejt minn dawn it-tip ta' proceduri jigifieri ghalija kollox gdid anke llum hija xi haga gdida ghalija jigifieri niskuza ruhi mal-Qorti ghaliex ghadni novizz pero inbidlu totalment l-affarijiet. Kien hemm ghagla kbira biex ovvjament jiena nitressaq.

Dr. Marion Camilleri : Mela inti qed tghidilna illi kienet saret search fir-residenza tieghek u semmejtilna wkoll illi Monday kont semmejt lil Keith Schembri. X'differenza stajt tinnota dwar is-search li saret fir-residenza tieghek u l-informazzjoni li ghandek dwar searches ohra li saru wara li int tkellimt mal-Pulizija?

Xhud : Le fil-konfront tieghi ma nghid li sar xejn hazin ta, anzi nghid li l-Pulizija ghamlet ix-xoghol taghha jigifieri pero fis-search li saret fir-residenza tieghi ittiehdu, apparti l-mobile phone tieghi, il-mobile phone tat-tifla, l-ipads tat-tfal, laptops tat-tfal …

Dr. Marion Camilleri : Kemm ghandhom zmien it-tfal?

Xhud : Nine u seven. Jigifieri kkuluriti, roza, hodor, whatever. Mhux qed nghid li ghamlu hazin imma saret, l-affarijiet personali, laptop personali tal-mara, laptop tieghi ovvjament, il-mobile tal-mara, CCTV gew l-ufficcju …

Dr. Marion Camilleri : Ha nwaqqfek sekonda skuzani.

Xhud : U fil-presenza ta' l-agenti tal-Europol.

Dr. Marion Camilleri : Tista' tghidilna mela meta gejt arrestat inti fejn gew kondotti s-searches? Diga semmejt l-ufficcju …

Xhud : L-ewwel kienu saru ovvjament fuq id-dghajsa, imbaghad saru fir-residenza tieghi imbaghad saru go zewg ufficcjini li niffrekwenta jiena, fl-istess bini imma zewg ufficcjini u ttiehdu sahansitra l-laptop tas-segretarja, CCTV. Kull apparat elettroniku li instab. Nahseb li fil-kaz tieghi sar sew u saru l-affarijiet kif suppost jigifieri pero fil-kaz tas-Sur Schembri l-ufficcju tieghu lanqas hadd ma resaq gewwa Kastilja u nixtieq nistaqsi jekk kienx hemm bhal ma kien hemm fil-kaz tieghi l-agenti tal-Europol, kif kellhu jkun, l-apparat elettroniku kollhu tal-mara, tat-tfal etc ma ttiehidx bhal ma ttiehed fil-kaz tieghi u ma ngergirx ta' dan anzi. Jien nilqa' l-investigazzjonijiet, ahna fl-ebda mod m'ahna qed nippruvaw naghmlu xkiel fl-investigazzjoni. Ahna qeghdin nghidlu li mis-sema 'l isfel kulhadd ghandu jigi stmat u kulhadd ghandu jigi investigat bl-istess mertu.

Dr. Marion Camilleri : Inti meta qed tghid hekk, inti x'qed thoss, cioe inti kif tinterpreta l-mod kif qed tigi investigat inti? X'inhu l-ilment tieghek?

Xhud : L-ilment tieghi hu illi l-provi kollha li rajna fir-recordings, kullimkien, mhux fuq dak li ghidt jien imma l-provi, jindikaw implikazzjoni carissima tas-Sur Schembri pero fil-konfront tieghu rajna bic-car li kien hemm ghagla ta malajr biex il-Pulizija tohrog statement li m'hemm xejn. Hija inkredibbli fl-opinjoni tieghi, inkredibbli.

Qorti : Fil-konfront tieghu?

Xhud : Fil-konfront tas-Sur Schembri u fil-konfront tieghi saru l-affarijiet kif suppost u ahna qed nilqghu u nirrispettaw kull fazi ta' l-investigazzjoni u nirrispettaw l-awtoritajiet.

Dr. Marion Camilleri : Filfatt forsi tispjega ftit lill-Qorti tul l-investigazzjoni kollha, kemm -il darba inghajat il-police bail u b'liema mod inti irrappurtajt gewwa l-kwartieri generali tal-Pulizija?

Xhud : Jekk mhux sejjer zball inghatajt erbgha darbiet, la naf tlieta u lanqas erbgha police bail u dejjem irrapportajt fil-hin u dejjem …

Dr. Marion Camilleri : U b'liema mod mort?

Xhud : Volontarju.

Dr. Marion Camilleri : Dejjem b'mod volontarju.

Xhud : Dazgur.

Dr. Marion Camilleri : Jigifieri inti l-ilment tieghek tista' tispjega l-Qorti inti x'qed jinkwetak f'din l-investigazzjoni?

Xhud : Jien li qed jinkwetani u li johrog car mill-provi fuq dak li qed nghid jiena issa, huwa rrelevanti forsi dak li qed nghid jien fuq dak li, provi li hemm f'idejn il-Pulizija allura naf li qeghdin anke fil-Qorti, li s-Sur Arnaud mhux f'posizzjoni li jinvestiga b'mod seren. Mhux qed nghid affarijiet kbar. Qed nghid li mhux f'posizzjoni jinvestiga b'mod seren, ghandu konflitt ta' interess car ghax ghandu relazzjoni close mas-Sur Keith Schembri u qeghdin nghidu li l-investigazzjoni ghandha tkun ekwa, minghajr favur, minghajr mibieghda u tkun equal ma' kulhadd. Huwa car li s-Sur Arnaud mhux f'posizzjoni li jaghmel dan.

Dr. Marion Camilleri : M'hemmx iktar domandi.

Qorti : Kontro-ezami riservat.

Din kienet ix-xhieda ta' Yorgen Fenech ddettata minnu stess quddiem il-Qorti.

L-Imhallef

Niddikjara li ttraskrivejt ir-registrazzjoni tat-tape electromagnetiku onestament u fedelment u bl-ahjar taghrif u hila tieghi.

Christian Sammut
Traskrittur